KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SEBA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 11

Il-ħdax il-laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 8 ta' Novembru 2012 fil-5.38pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Vivianne Galea Pace | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Kristian Busietta | Kunsillier |
| | Mary Camilleri | Kunsillier |
| | Antoinette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Nicolai Gauci | Kunsillier |
| | Pierre Paul Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Qabel il-laqgħa s-Sindku introduċa lill-Kunsilliera Antoinette Castaldi Paris eletta flok is-Sur Silvio Żammit. Fakkar li l-għan prinċipali ta' dan il-Kunsill hu li nservu lir-residenti. Is-Sindku qal ukoll li s-seduta għanda tinżamm għal tlett sigħat kif hu stipulat fir-regolamenti.*

*Is-Sindku qal li wara r-riżenja tal-ex Viċi Sindku Silvio Zammit, skond Artikolu 25(2) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, l-Kunsilliera Vivienne Galea Pace hija eliġibli għal pożizzjoni ta' Vici Sindku. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera Galea Pace taċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sinjura Galea Pace aċċettat.*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta fil-17.41*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 10

1.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 5.5 tal-aħħar seduta dwar il-*beading courses* u qal li għandha tiżdied il-frażi kif ġej fl-aħħar tal-minuta 'Għaldaqstant, il-Kunsill xorta qabel li għandu jsir dan il-kors la darba l-istess proċeduri jippermettu.'

1.2 Il-Vici Sindku irreferiet ghal punt 6.23 sabiex tiżdied il-frażi kif ġej: 'Il-Kunsill qabel li kull min għandu ilment fejn għandha tiġi rranġata bankina, jew parti minnha, għandu jinforma lill-Kunsill.'

1.3 Is-Sindku ippropona li dawn il-minuti jiġu approvati hekk kif korretti, il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu. *Approvazzjoni tal-Minuti 10_18/10/2012*

*Daħal il-Kunsillier K. Busietta fil-17.49*

## 2. MATERJI MILL-MINUTI TAL-LAQGĦAT NUMRU 10

2.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 5.2 ta' l-aħħar seduta dwar il-manutenzjoni tal-Ġnien Bonello Dupuis u saqsa jekk il-Kunsill irċieviex ittra uffiċċjali mill-MRRA fejn infurmaw lill-Kunsill li se jkunu qegħdin jgħatu rifuzzjoni tal-ispejjes għall-manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li l-Kunsill irċieva email mid-Direttur, il-Perit Anton Camilleri. *Ġnien Bonello Dupuis*

2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 5.4 fejn saqsa jekk il-Kunsill hux se jkun qiegħed juża kumpanija għas-servizzi ta' konsulenza dwar appelli mal-MEPA. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-deċiżjoni ma kinitx ċara fl-aħħar laqgħa. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob għal kwotazzjoni jew insaqsu lill-ex Agent Segretarju Eżekutitv u nitolbu kemm jiswew tali servizzi.

2.3 Dwar punt 3.8, il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk sarx xi haga dwar l-pont fi Triq il-Kuleġġ l-Antik. Is-Segretarju qal li nforma lill-avukat dwar id-decizjoni tal-Kunsill illi jgħamel protest ġudizjarju, iżda għadu ma sar xejn. Is-Sindku qal li kull darba li nsaqqsu parir lill-avukat tal-Kunsill qegħdin insibu diffikultajiet u dewmien. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ *call for tender* għall-proċess għall-avukat ġdid, peress illi l-kwotazzjoni li biha l-Kunsill qiegħed jaħdem preżentament skadiet. *l-avukat tal-Kunsill*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier Nicolai Gauci saqsa dwar il-ħlas tal-fuljett tal–Kunsill. Il-Kunsillier P. Portelli qal li fl-aħħar seduta kien diġa spjega li fl-aħħar pubblikazzjoni kien hemm aktar dħul mill-avviżi minn qatt qabel. *Magazine tal-Kunsill*

3.2 Il-Kunsillier K. Busietta saqsa dwar l-ispjegazzjoni li l-Kunsill talab dwar il-materjal li jgħamlu użu minnu il-kumpanija CSD. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skont l-email li irċevejna mill-*Cleansing Services Department* dan il-materjal jikkonsisti f'boroż, *detergents* u materjal ieħor għall-kenniesa. Il-Kunsill xorta m'hux sodisfatt bl-ammont eċċessiv li jiswa dan il-materjal għal kull xahar. Jidher iżda, li Kunsill preċedenti kien approva din l-istima. *Cleansing Services Department*

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li s'issa l-Kunsill għamel riforma fil-ġbir ta' skart kif ukoll fil-knis u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jżomm dan is-suġġett tax-xogħlijiet tas-CSD għal diskussjoni. Il-Kunsillier K. Busietta qal li l-Kunsill għandu jgħamel *Memorandum of Understanding* mas-CSD dwar x'responsabiltajiet ser ikollom la darba jibda l-operatur privat tal-knis.

3.4 Il-Kunsillier N. Gauci qal li Green MT skont il-kuntratt kellom joffru xi bins.

3.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-*laptop* li qiegħed fl-iskeda tal-pagamenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-kompjuter li kien juża hu ingħata lill-iskravana l-ġdida u inxtara *lap top* ġdid għas-Segretarju Eżekuttiv stess.

3.6 Il-Kunsillier K. Busietta saqsa dwar il-pagamenti tal-Mica Med. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt ingħata lil din l-kumpanija mill-*joint committee*. Il-Kunsill irid jara mad-DLG jistax joħroġ kuntratt ġdid.

3.7 Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

3.8 Il-Kunsilliera M. Camillieri saqsiet lill-Kunsillier P. Radmilli xi ftehim intlaħħaq għall-ammonti żejda kuljum għall-ġbir ta' skart filgħaxija. Il-Kunsillier Radmilli qal li minn talba ta' 100 Ewro intlaħaq ftehim għal Ewro 75.

3.9 Il-Kunsill qabel ukoll li jitħallas il-pagament li kien inżamm fil-laqgħa preċedenti minħabba l-kjarifika dwar l-materjal fl-aħħar skeda tal-pagamenti numru 16 lill-*Accountant Cleansing Services Department.*

3.10 Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx mal-approvazzjoni għall-*performance bonus* tal-ex Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Gatt. Kien hemm qbil unanimu li għandu jingħata *full performance bonus*.

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO-KUMITATI

4.1 **Mis-Sotto-Kumitat għall-Bajjiet**, il-Kunsillier M. Briguglio preżenta minuti ('Doc A' anness) mis-sotto kumitat tiegħu dwar *bye law* għar-regolamentazzjoni ta' BBQs, sabiex tali attivitajiet ikunu regolati skond kif propost. *Bye laws għal BBQ*

4.2 Il-Kunsillier K. Busietta qal li hu jaqbel li jkun hemm regolamenti iżda saqsa li jekk wieħed jorganizza BBQ u jitlaq mil-post u jħalli ħmieġ jew ma jżommx ma regolamenti oħra kif se nkunu nafu min kien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wieħed irid jinqabad b'kontravenzjoni bħal kull ħaġa oħra.

4.3 Il-Kunsilliera M. Camilleri qalet li importanti li jkun hemm tabelli mwaħħla fuq il-kosta biex ir-regolamenti ikunu ċari ma' kulħadd.

4.4 Il-Kunsillier Nicolai Gauci saqsa x'ser jsir dwar min jarmi sigaretti fl-art. Il-Kunsillier P. Portelli qal li f'seduta ta' qabel, l-Kunsill kien approva li jixtri *disposable ashtrays* u jsib sponsor għal dan il-għan.

4.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu dwar il-*bye laws* proposti.

4.6 Il-Kunsillier M. Briguglio ippropona li ghal bajja ta' taormina ikun hemm żewġ *parking bays* għat-*trailers* tad-dgħajjes tas-sajjieda, apparti dak li l- *Taormina site*

Kunsill diġa kien iddeċieda għalih. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

4.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li s-slielem għall-aċċess tal-baħar diġa tneħħew. Ġie nnotat li dawn jitneħħew minn kmieni minħabba l-maltemp. *Slielem ta' mal-baħar*

4.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka li lido tal-Plevna ħalla ħafna ħmieġ wara li għalaq fl-aħħar tas-sajf. Il-Kunsill għandu jagħmel rapport lill-pulizija.

4.9 **Mill-Kumitat Offerti Pubbliċi**, s-Sindku irrefera għat-tender tal-*Accountancy Services* u informa li l-Bord Itaqa u kellu offerta waħda biss. L-applikant huwa *3A Accountancy Services* li l-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jerġa jingħata t-tender lil din l-kumpanija għaliex dejjem offriet servizz tajjeb lill-Kunsill. *Tender – Accountancy Services*

4.10 Is-Sindku irrefera għall-offerti li intefgħu għat-tender għas-servizz ta' knis fejn fakkar li l-Bord kien qabel li għandu jiltaqa mal-offerenti għall-*interview*. Ġie ppreżentat 'Doc B' bil-kummenti tal-bord. *Tender – Street Sweeping*

*Il-Kunsillier P. Portelli ħareġ ftit mis-seduta fit-18.41*

4.11 Is-Sindku spjega kif saru l-*interviews* u x'mistoqsijiet kien hemm.

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura għas-seduta 18.47*

4.12 Is-Sindku qal li l-Bord għandu jiltaqa' l-ġimgħa d-dieħla u ssir laqgħa tal-Kunsill għal deċiżjoni finali. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk tistax issir f'ġurnata waħda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-Bord għandu jiltaqa' nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012 fis-6.30pm u l-laqgħa tal-Kunsill issir fl-istess ġurnata fis-7pm dwar l-aġġudikazzjoni ta' tender tal-knis biss.

*Ġie skużat il-Kunsillier N. Gauci fis-18.52*

4.13 Ġie ppreżentat rapport 'Doc C' tas-sotto-kumitat tal-**Attivitatijiet f'Tas-Sliema**.

4.14 Il-Kunsillier P. Portelli informa li se jkun hemm attivita *Rememberance Day* bil-kollaborazzjoni tal-iScouts nhar is-Sibt 10 ta' Novembru 2012 fl-10am. *Remberance Day*

4.15 Il-Kunsillier P. Portelli fakkar lill-Kunsilliera kollha li min irrid jikteb artikolu għal magazine, dan għandu jintbagħat lill-Kunsill sat-23 ta' Novembru 2012. *Artikli għall-magazine tal-Kunsill*

*Daħal lura għas-seduta l-Kunsillier N. Gauci fit-18.56*

4.16 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għal *guide lines* tal-attivitajiet fejn irrefera għal punt 7.7 u 7.8. Kien hemm qbil li tiżdied il-frażi 'The maximum duration of an event is not more than two days'. *Guidelines – Attivitajiet f'Tas-Sliema*

4.17 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-ewwel parti tas-sentenza ta' punt 7.7 tiġi

korretta għal ‘ An event may last...’

4.18 Kien hemm qbil ukoll li punt 7.16 ta’ dawn l-istess *guide lines* jiġi kkanċċellat.

4.19 Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li dawn il-*guidelines* jidhru fuq il-website tal-Kunsill. Il-Kunsillier P. Portelli qal li dawn se jkunu qegħdin jidhru taħt *events.* Il-Kunsill qabel mal-emendi finali tal-*guidlines* u sabiex dawn jibdew jiġu aplikati bħala kundizzjonijiet tal-permesi ta’ attivitajiet li joħroġ il-Kunsill.

## 5. SITWAZZJONI TAL-ĦAMIEM SALVAĠĠ

5.1 Is-Sindku qal li tkellem ma’ uffiċċjal tal-*Animal Welfare* dwar il-problema tal-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi ma taqbilx mal-isparar. Il-Kunsilliera M. Camilleri qalet li din hija moħqrija. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jiltaqa’ mal-uffiċċjal konċernat biex il-Kunsill ikollu idea aktar ċara ta’ x’jista jsir biex tissolva l-problema filwaqt li l-Kunsill ikun jista jiddiskuti u jiddeċidi wara. Il-Kunsill qabel ma’ dan u għandu jistabillixxi data li tkun wara s-6pm.

5.2 Kien hemm qbil ukoll li l-punti li kien bagħat il-Kunsillier K. Busietta dwar din l-istess problema jiġu mressqa fl-ewwel laqgħa wara li jiġi l-uffiċċjal imsemmi jgħati spjega lill-Kunsill.

## 6. LIBRARY DAY

6.1 Il-Kunsillier M. Briguglion qal li ltaqa mal-Librara Ms. Therese Attard Previ u ippreżenta ‘Doc D’ fejn ġew diskussi xi punti li hemm bżonn għal librerija kif ukoll għal *Library Day*.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsilliera jekk jaqblux li l-Librerija Pubblika tagħna jkollha s-servizz tal-Wi-Fi. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta wkoll kwotazzjonijiet għal xiri ta’ photocopier/printer u kien hemm qbil li tinxtara waħda bl-ammont ta’ Ewro 472. *Photocopier/printer għall-Librerija*

6.3 Il-Kunsillier K. Busietta informa li l-perit Edward Said għadu kif għamel *launching* ta’ ktieb u issuġġerixxa li jkun xieraq li jiġi jagħmel preżentazzjoni fil-Library Day tal-5 ta’ Diċembru 2012. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti u l-Kunsillier M. Briguglio għandu jagħmel kuntatt miegħu.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Memo 40/2012 dwar Għajnuna lill-Kunsill Lokali li għandhom ir-responsabbilta’ ta’ Librerija Lokali, fejn spjega li l-Kunsill jista jagħmel għażla ta’ kotba minn ħwienet differenti li ma taqbiżx l-ammont ta’ Ewro 1800 u DLG jirrifondu lura nofs l-ammont. Kien hemm qbil dwar dan. *Memo 40/2012 – Għajnuna għall-librerij*i

6.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li hemm bżonn ta' ftit manutenzjoni għall-librerija bħal notice board ġdida, pipe tal-ilma, tabella ta' barra u affarijiet simili. Il-Kunsill qabel. *Manutenzjoni għall-Librerija*

6.6 Kien hemm qbil ukoll li l-flyer dwar il-*Library Day* jitqassam permezz ta' emails, notice boards, facebook page, u jekk jilħaq jiġi ppubblikat il-magazine qabel 5 ta' Diċembru jiġi ppubblikat fil-magazine tal-Kunsill ukoll. *Flyer – Library Day*

6.7 Is-Sindku informa li hemm persuna li għadu kif gradwa u xtaq li jagħti l-kotba tiegħu b'donazzjoni lill-Librerija tal-Kunsill. *Donazzjoni ta' kotba lill-Librerija*

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-*internet key* qegħda f'isem l-ex Segretarju Eżekuttiv u biex tinbidel għall-isem tas-Segretarju Eżekuttiv M. Dimech il-bank għandhom bżonn l-awtorizzajoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan fost il-Kunsilliera preżenti. *Proċeduri bankarji*

7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kellu diskussjonijiet mal-Accountant tal-Kunsill u ġie nnotat li jkun aħjar li l-Kunsill jiftaħ *Fixed Term Deposit Accounts*. Is-Sindku kompla jispjega li dan mhux biex il-Kunsill ikun jista jġemma imma sakemm ċertu flus ikunu jistgħu jintefqu ikun aħjar li jkunu f'*Fixed Term Deposit Account* minħabba li qegħdin nitilfu l-interessi fuq l-ammonti. Kien hemm qbil dwar dan u s-Segretarju Eżekuttiv informa li se jkun qiegħed jitlob ir-rati minn diversi banek u l-Kunsill jagħżel l-aħjar fil-laqgħa li jmiss. *Fixed Term Accounts*

7.3 Il-Viċi Sindku qalet li tixtieq li torganizza xi *talks* filgħaxija u saqsiet x'jista jsir minħabba li l-uffiċċju jkun magħluq. Is-Sindku issuġġerixxa li jekk ma jkunx għad hawn xi membru tal-istaff il-Kunsillier responsabbli jingħata ċavetta u jiffirma meta jkun irritorna u jkollu aċċess biss għal *board room*. *Aċċess għal board room*

7.4 Il-Kunsillier P. Portelli qal li wasal iż-żmien li jsir Ċentru Ċiviku f'Tas-Sliema. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dan il-proġett ikun jista jista jsir jew permezz ta' *loan* jew kiri ta' art mid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kunsillier P. Portelli qal li l-Kunsill jista jistaqsi d-Dipartiment tal-Artijiet jew il-*Joint Office* sabiex jara hawnx art publika li tista tiġi devoluta għal dan il-għan. *Ċentru Ċiviku f'Tas-Sliema*

7.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar il-*Locality Meeting* li suppost isir kull sena. Is-Sindku informa li żmien li suppost sar ma kienx hawn Kunsill u issa jsir is-sena d-dieħla wara li jiġu appovati l-estimi finanzjarji. *Locality Meeting*

7.6 Il-Kunsill kellu talba minn *EF Language* għal *Beach Concession* biex isir *private beach club*. Il-Kunsill qal li din m'hiex kompetenza tiegħu. *Beach Concession*

7.7 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-blokka t'appartamenti *Depiro Heights* fejn l-amministratturi qablu bejniethom li għandu jitħallas ammont

ta' flus biex jitpoġġew skips għal ġbir ta' skart mħallat. Il-Kunsillier Briguglio qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent biex ma jinħoloqx preċedent mar-residenti. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega li dan hnu ftehim bejn ir-residenti. Il-Kunsill mhux jiġbor flus mir-residenti. Il-Kunsill ser ibattal biss dawn l-iskips għas-spejjes tiegħu. Jekk hemm resident li ma jaqbilx li jħallas għall-*iskips*, jista ma jħallasx u jarmi fuq il-bankina.

7.8 Il-Kunsillier K. Busietta staqsa jekk il-Kunsill kittibx lil Metropole.

7.9 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li tal-Galaxy kissru l-bankina.

7.10 Il-Kunsilliera A. Castaldi Paris infurmat li hemm ħafna bins mimlija bl-iskart.

7.11 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li dwar l-immaniġjar tal-kostruzzjoni qiegħed isir *improvement* kbir, filfatt hemm tlett krejnijiet li l-Kunsill ma' ħariġx estensjoni għall-permess. Il-Kunsillier P. Radmili żied jgħid li wara ħafna laqgħat u sforzi tal-bord, il-Kunsill qiegħed jara riżultati konkreti. Il-Kunsillier Radmilli infurma li f'Don Rua l-krejn ġie mitlub jitpoġġa ġewwa. Il-Kunsillier Radmilli qal li hemm bżomm li jsir *briefing* permezz ta' stqarrija għall-istampa ta' dawn l-azzjonijiet. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir nhar is-Sibt 17 ta' Novembru 2012 fl-10am fl-inħawi ta' Don Rua u Triq Sir Arturo Mercieqa. *Kostruzzjoni f'Tas-Sliema*

7.12 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa f'hiex wasal il-proċess tal-RPS. Is-Sindku informa li l-Kunsill għandu dan il-proċess imwaħħal minħabba li rċieva appell dwar t-tender tat-tabelli u sinjali. Is-Sindku qal li dan l-appel irreferejnieh għal Bord tal-Appelli. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Bord wasal biex jiddiskuti l-każ. Is-Sindku qal li se jara kif jista jħaffef il-proċess. Il-Kunsillier P. Portelli qal li jekk dan il-każ ikollu jitla Qorti u l-proċess jitwal iktar, il-Kunsill għandu joħroġ stqarrija għall-istampa biex jispega x'ġara. Kien hemm qbil dwar dan. *RPZ*

7.13 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk il-Kunsill jistax jerġa jiddiskuti l-limitu tal-ħinijiet applikabbli tas-Sibt u l-Ħadd. Is-Segretarju Eżekuttiv infurma li l-ħinijiet huma stipulat fl-Avviż Legali.

7.14 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jara l-possibilta' ta' *Park and Ride* f'Tas-Sliema. Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerrixxa l-area fil-Gzira fejn *Muscat Motors*. *Park and Ride*

7.15 Il-Kunsilliera M. Camilleri infurmat li hemm bżonn li *Cat's Cafe* jiġu irranġati. Il-Kunsillier J. Pillow qal li se jipprova jgħin billi jġib sponsor. *Cat's Cafe*

7.16 Il-Kunsilliera J. Pillow u K. Busietta infurmaw li hemm bżonn isiru xi toroq u bankini u l-perit jara l-ordni li għandhom jsiru skont l-urġenza tagħhom. Il-Kunsill approva li jsir *resurfacing* fi Triq il-Kbira, Triq il-Kuleġġ l-Antik, Triq Nicolo Isouard, Triq Howard u parti min Triq Milner . *Toroq u Bankini*

7.17 Il-Viċi Sindku irrimarkat li t-toroq jaqgħu taħt responsabbilta' tagħha.

Madankollu s-Sindku informa li għalkemm kulħadd għandu r-responsabbilitajiet tiegħu, xorta waħda kull Kunsillier jista jinnota xi nuqqassijiet li hemm f'Tas-Sliema stess u jiproponi. Is-Sindku qal li din l-e-mail b'lista ta' toroq tista tiġi ċċirkulata lil kull Kunsillier.

7.18 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa jekk it-toroq hux x'se jsiru minn taħt ukoll. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-obbligu tagħna hija l-wiċċ tat-triq.

7.19 Il-Kunsillier K. Busietta ippropona ukoll li jitranġaw il-culverts fi Triq it-Torri.

7.20 Il-Kunsill qabel ukoll li ssir mill-ġdid il-bankina fi Triq Depiro.

7.21 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent liema bankini jagħmel biex ma jagħmilx fejn il-*construction sites.*

*Il-Kunsillier P. Radmilli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-20.24*

7.22 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li hemm bżonn li jitneħħew xi *ticketing booths* fix-xatt għax qed jostakolaw il-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv irraporta lid-Dipartiment tal-Artijiet. *Ticketing Booths*

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-20.26*

7.23 Il-Kunsillier N. Gauci ippropona li l-Kunsill jorganizza *LAN party competition*, fejn spjega li żgħażagħ ikunu jistgħu jiltaqgħu f'sala għal weekend sħiħ u jikkompetu permezz ta' logħab tal-kompjuter bejniethom. Ir-*registration fee* li jkunu se jħallsu jmorru għall-Istrina. Il-Kunsillier N. Gauci qal li bħala spejjeż il-Kunsill ikollu bżonn jikri l-imwejjed u siġġijiet, *network cables*, rigali. Il-Kunsillier Gauci għandu jibgħat email lis-Segretarju Eżekuttiv b'aktar dettalji. *LAN party Competition għall-Istrina*

7.24 Il-Kunsillier N. Gauci ippropona wkoll li l-Kunsill jgħin lill-Għaqda Dilettanti Sajjieda ngħinuhom jorganizzaw *tournament* tas-sajd. Il-Kunsill ġie infurmat li din l-għaqda għadhom kif ingħataw il-permess għal kamra. Il-Kunsill qabel li jista jiltaqa magħhom u jgħin f'attivita konġunta.

7.25 Il-Kunsillier N. Gauci qal li kellu xi talba minn Sliema Wanderers F. C biex il-Kunsill jirriklama fil-magazine tagħhom, biex b'hekk ukoll inkunu qegħdin ngħinu clubs sportivi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekkja dwar il-proċeduri jippermettux.

7.26 Il-Kunsillier N. Gauci issuġġerrixxa li l-Kunsill ikollu sezzjoni għall-isport fil-magazine tal-Kunsill.

7.27 Is-Sindku ippropona li l-Kunsill jgħin xi insitutions bħal Creche għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel ma dan u s-Sindku għandu jiltaqa ma Creche ħa jara kif il-Kunsill jista jgħin. *Għajnuna għall-żmien il-Milied*

7.28 Is-Sindku qal li preżentament hemm skema fejn l-Kunsill jista jimpjega persuni b'diżabilita. Il-Kunsill ma qabilx, peress li l-Kunsill għadu kif *Impieg għall-persuni b'diżabilita*

impjega staff ġdid u ma jgħamilx sens timpjega persuna la darba ma hawnx xogħol għalih/a..

7.29 Is-Sindku irrefera għal deċiżjoni li l-Kunsill kien diġa ħa dwar il-ferrovija għal żmien il-Milied, u qal li għalkemm jaf li l-Kunsill ma jistax imur kontra deċiżjoni wara sitt xhur xorta xtaq li jinforma lill-membri tal-Kunsill li reġa ġie avviċinat biex il-ferrovija tkun fit-toroq Slimiżi għal żmien il-Milied. Il-Kunsill żam ma' l-istess deċiżjoni li f'Tas-Sliema ma jkollniex il-ferrovija peress li din toħloq aktar traffiku. *Ferrovija f'Tas-Sliema għall-żmien il-Milied*

7.30 Is-Sindku informa li se jagħti responsabbilitajiet ġodda lill-Kunsilliera Antoinette Castaldi Paris.

*Il-Kunsillier N. Gauci ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-20.44*

7.31 Ġie deċiż li l-Kunsilliera A. Castadi Paris tkun il-koordinattriċi mal-Ministeri għall-Relazzjonijiet Inter Governattivi u Reserved Parkings. Kien hemm qbil dwar dan. *Responsabbilitajiet lill-Kunsilliera A. Castaldi Paris*

7.32 Is-Sindku informa li hu se jkollu r-responsabbilita tat-Traffiku. Il-Kunsillier J. Pillow se jkollu responsabbilta dwar in-negozji. Il-Kunsilliera V.Galea Pace dwar manutenzjoni ta' dwal tal-Enemalta. *Tibdil żgħir fir-responsabbilitajiet*

## 8. AĠĠORNAMENT

10.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2012 fis-sebgħa ta' filgħaxija dwar it-Tender tal-iskart. Is-seduta ntemmet fit-20.49

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**